# Dun Pawl Laferla

## (1832-1902)

## *Benefattur kbir tas-Siġġiewi*

**kitba ta' Dun Nikola Aquilina**

Żgur li r-raħal tagħna mhuwiex nieqes minn ulied li jagħmlu ġieħ lilhom infushom u lil raħalhom. Fost dawn insibu kittieba, poeti, mgħallmin tas-sengħa, ġenji (bħall-Professur Nikola Zammit), saċerdoti ħabrieka li b'għerfhom u bi bżulithom sebbħu t-tempju maestuż tagħna ddedikat lill-Isqof ta' Myra. Xieraq li l-isem ta' dawn jibqa' jissemma b'għożża biex hekk aħna, nies ta' dan il-millennju u dawk li jiġu warajna jiddakkru mill-eżempju tagħhom. L-isfortuna hi li qatt ma nistgħu ngħidu li sirna nafuhom kollha; ftit li xejn nafu fuq xi wħud u fuq ħafna oħrajn ma nafu xejn. Ħajjithom intesiet bħal sħaba li tgħaddi mlebbta misjuqa bla ħniena mir-riħ.



*Is-Salib ta' l-Għolja*

U hawnhekk ta' min isemmi wieħed minn dawn il-personaġġi li għalkemm nafuh b'ismu iżda ftit li xejn nafu fuq ħidmietu favur il-ħajja soċjali u pastorali tiegħu fir-raħal tagħna. Staqsi lil xi ħadd dwar Dun Pawl Laferla u tinduna li forsi forsi, jasal biex jgħidlek li kien il-promotur tat-twaqqif tas-Salib ta' l-Għolja magħruf fil-mapep tagħna bħala Laferla Cross. U bir-raġun kollu.

Dun Pawl twieled is-Siġġiewi fid-9 ta' Mejju 1832 u tgħammed fil-11 ta' l-istess xahar mill-viċi-parroku Rev. Ġannikol Camilleri. Il-ġenituri tiegħu kienu t-Tabib Gaetano Laferla u Vincenza Saliba. Fil-magħmudija tawh l-

ismijiet: Emanuel, Pawlu, Publiju u Nikola. Il-parrinu tiegħu kien il-Baruni Nikola Sciberras Bologna mill-Belt Valletta.[1]

Għalkemm l-ewwel isem kien Manwel, baqa' magħruf bit-tieni isem tiegħu, jiġifieri Pawlu. Nafu wkoll li kien it-tielet wild tal-familja Laferla. Ħutu kienu Ġużeppi, Marija, Salvatore u Antonina. Dun Pawl sar saċerdot fid-19 ta' Diċembru 1857 u kien ordnat mill-Isqof Giuseppe Pace Forno.[2]

Ftit wara Dun Pawl tilef lill-ġenituri tiegħu. Infatti missieru l-Kavallier Dott. Gaetano Laferla miet fit-30 ta' Awissu 1865 u ommu Vincenza fl-24 ta' Ġunju 1868.

Nafu li Dun Pawl kien bniedem intelliġenti ħafna u kien stmat ħafna fil-ħajja politika soċjali u pastorali mhux biss fir-raħal tagħna imma fuq skala nazzjonali.



*Il-pedestall tal-ġebel tas-Salib ta' l-Għolja maħdum mill-Imgħallem Pietru Mallia.*

Huwa miet fl-1902[3] u ndifen skond ix-xewqa tiegħu fil-qabar tal-familja fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi fil-Kappella tar-Rużarju, preċiżament quddiem l-altar tas-Sagra Familja fil-qabar Nru 3.[4]

Interessanti li wieħed jistħarreġ sewwa l-aħħar dispożizzjonijiet tiegħu kif imniżżlin fit-testmenti tiegħu li hu għamel quddiem in-Nutar Giuseppe Trapani. Nafu li Dun Pawl għamel testment importanti fit-30 ta' Mejju 1901 u mbagħad għamel ċerti tibdiliet u żjidiet fit-testment l-ieħor tas-27 ta' Marzu 1902,dejjem għand l-istess nutar għalkemm f'postijiet differenti...

Minn dawn it-testmenti jidher ċar li Dun Pawl kien ġej minn familja għanja; infatti fl-aħħar ta' ħajtu kien jippossedi diversi artijiet u djar li hu mbagħad għaraf iħallihom għal għanijiet tajba, jiġifieri għall-ġid tal-poplu. Huwa proprju għal dan il-mottiv li jistħoqqlu t-titlu ta' benefattur u filantropu. Hekk nafu li kellu:

- fi Pjazza San Nikola: djar nr. 64-65; 8-9-10 u remissa nr.63
- fi Triq Sta Margerita: djar 124-125-126, remissa 122 u għalqa nr.123
- fi Triq Ramija: mezzanin nr. 4
- fi Triq tan-Nofs: fi Sqaq nr.1, nr.1; nr.39.
- għelieqi: fil-limiti ta' Ħasptan limiti ta' Ħal Għaxaq; oħra fil-limiti taż-Żurrieq; oħra fi Blat il-Qamar; oħra ta l-Imwieġel.

Dawn kollha ġew legati jew ipotekati għal opri reliġjużi, per eżempju, Dun Pawl ħalla dawn id-dispożizzjonijiet:

- Somma żgħira ta' 0.1.8 kull sena għall-Venerande Lampade;
- £100 (sterlini) għall-Opra tal-Propaganda tal-Fidi;

- £4 (sterlini) għall-Fond ta' l-Erwieħ imwaqqfa fil-Parroċċa tas-Siġġiewi;
- £50 (sterlini) lis-Sorijiet tal-Bon Pastur ta' Ħal Balzan;
- £50 (sterlini) għall-Istitut tat-Tfal imwaqqaf mill-Kanonku tal-Katidral Dun Franġisk Bonnici;
- £0.5.0 biex issir priedka kull sena fuq in-Nawfraġju ta' San Pawl Missierna;
- £0.4.0 biex issir priedka fil-Parroċċa tas-Siġġiewi f'ġieħ San Vinċenz de Paule.

Mit-tieni testment ibbenefikaw is-Suddjaknu Giuseppe Delia kif ukoll Dun Ġużepp Buhagiar, imma nsibu wkoll li ħalla:

- legat ta' £6.00 fis-sena bħala dota għal dik ix-xebba fqira li tiżżewweġ f'dik is-sena;
- legat ta' £3.18 biex issir quddiesa letta għall-kumdità tal-poplu li kienet titqaddes fit-8.00am fix-xhur tax-xitwa u fis-7.30am fix-xhur tas-sajf. Hawnhekk niftakru li dari l-quddies kien isir kmieni ħafna u għalhekk Dun Pawl ħaseb biex jgħin lil dawk il-parruċċani xjuħ li kienu jixtiequ jisimgħu l-quddies aktar tard.
- legat ta' £0.4.6 biex issir priedka kull sena f'ġieħ San Franġisk Saverju. Il-predikatur kien imħeġġeġ jitkellem fuq is-suġġett tal-Propaganda tal-Fidi li dak iż-żmien kienet ħafna popolari u naturalment nisslet fina s-Siġġiwin l-imħabba lejn il-missjoni.
- legat ta' £0.4.2 kull sena għas-Santa Infanzia;
- is-somma ta' £100 sterlini lill-Knisja tas-Siġġiewi bħala għajnuna għax-xogħol ta' invjar li kien maħsub li jsir fil-Knisja tagħna;
- is-somma ta' £70 flimkien mal-flus l-oħra miġbura mill-istess Dun Pawl biex isseħħ l-opra monumentali tat-twaqqif ta' salib fuq l-Għolja f'ġieħ ir-Redentur.
- legat biex jitqaddsu żewġ quddisiet b'suffraġju ta' l-Erwieħ Abbandunati tal-Purgatorju;
- l-ammont ta' £30 (sterlini) għall-Missjoni ż-Żgħira f'Malta;
- fl-aħħarnett billi t-Testatur ħalla li l-qasma ta' ġidu ssir sena wara mewtu, ried li d-dħul kollu mill-istess ġidu jinqasam b'mod ugwali bejn tliet Istituti jiġifieri:
    - Soċjetà ta' San Vinċenz de Paule;
    - Istitut ta' Cini;
    - Istitut tal-*Piccole Suore* tal-Ħamrun (*Little Sisters of the Poor*).

Minn dan li għedna jidher ċar kemm Dun Pawl kellu viżjoni wiesgħa tal-bżonnijiet tal-poplu ta' żmienu u kemm għaraf juża tajjeb ġidu biex jgħin kemm il-bżonnijiet materjali kif ukoll spiritwali tal-parruċċani tagħna. Tispikka ħafna fih id-devozzjoni u l-imħabba li kellu lejn il-Missjonijiet. Kien promotur kbir ta' l-Opra tal-Propaganda tal-Fidi mwaqqfa ġewwa Lione.

Fl-aħħarnett ngħidu li l-aġġunta tas-27 ta' Marzu 1902 saret quddiem in-Nutar Trapani fid-dar tat-testatur, jiġifieri fi Triq il-Parroċċa Nri. 3 u 4 fil-preżenza ta' l-iskrivan Luigi Said u s-saċerdot Dun Franġisk Cutajar.

Wisq probabbli li Dun Pawl kien diġà marid sewwa u ma jistax joħroġ mid-dar; infatti Dun Pawl miet fit-12 ta' Diċembru 1902 fl-età ta' sebgħin sena. Għalhekk din is-sena jaħbat l-ewwel ċentinarju mill-mewt tiegħu.

Bla dubju ta' xejn Dun Pawl baqa' magħruf l-aktar għat-twaqqif tas-Salib ta' l-Għolja, xogħol li Dun Pawl daħal għalih b'ruħu u b'ġismu, imqanqal miż-żelu li kellu lejn Kristu Redentur. U f'dan irnexxielu jasal fejn oħrajn ma waslux. Nafu li b'digriet ta' l-Isqof Pietru Pace fl-24 ta' Novembru 1900[5] kien twaqqaf Kumitat Nazzjonali apposta biex jieħu ħsieb it-twaqqif ta' Salib Monumentali fuq ta' l-Għolja, limiti tas-Siġġiewi. Is-sinjuri li kienu jiffurmaw dan il-Kumitat kienu nies magħrufa biżżejjed dak iż-żmien:

- Rev. Mons. S. Can. Grech DD, Prelat Domestiku u Segretarju ta' l-Isqof;
- l-Imħallef Dott. Paolo Debono;
- l-Onor. Pietru Bartoli;
- l-Onor. Paolo Trapani;
- l-Onor. Giuseppe Muscat Azzopardi P.L.

Lil dan il-Kumitat l-Isqof tah is-setgħat kollha meħtieġa biex jilħaq l-għan tiegħu. Infatti d-digriet kien jgħid fil-qosor li billi s-seklu kien wasal fi tmiemu u kien feġġ is-seklu l-ġdid (1900), il-Maltin kienu jħossu li għandhom jagħtu ġieħ lil Kristu Redentur. *"Billi hija drawwa antika fost l-insara li ma jibdew xejn jekk mhux bir-radd tas-salib, ħsibna biex nimxu mat-talb ta' ħafna fidili, li nibdew il-ħidma tagħna bit-twaqqif ta' Salib Monumentali, f'post mill-aktar magħruf tal-gżira tagħna, ħalli nistqarru għal darb'oħra sollennement li Malta, wara tista' tgħid għoxrin seklu li rċeviet mingħand l-Appostlu l-Kbir Pawlu, il-fidi ta' Kristu, għadha tħaddan l-istess twemmin li jaqbel perfettament mat-twemmin tal-Papa f'Ruma; hekk nixtiequ li għal li ġej is-Salib ikompli jsaltan fil-moħħ u fil-qalb tal-Maltin.*

It-twaqqif ta' dan is-Salib nixtiequ nafdawh kif qed nagħmlu permezz ta' dan l-Att tagħna, lil Kumitat Ġenerali, bil-fakultà li jwaqqaf Kumitati parzjali, jekk ikun opportun. Dan il-Kumitat għandu jieħu ħsieb jiġbor il-fondi meħtieġa għal dinl-opra u jidħol għal dak kollu li jeħtieġ biex itemm din l-opra.

Min-naħa tagħna rridu niffissaw biss żewġ punti: il-post fejn se jitwaqqaf is-Salib u l-mod kif isir il-ġbir. Il-post ikun fuq il-quċċata ta' l-Għolja mbux biss għax hi l-parti l-aktar prominenti tal-Gżira tagħna imma wkoll minħabba t-tifkiriet insarali tfakkar. Il-mod kif isir il-ġbir għandu jinġabar sold mingħand kull individwu biex hekk tkun opra ta' kulħadd, tal-fqar u ta' l-għonja".

L-Isqof temm l-imsemmi Digriet billi wera x-xewqa tiegħu dwar il-kliem li kellu jinkiteb fuq il-Monument bħala iskrizzjoni: *"Ecce Crucem Domini, fugite partes adversae. Vicit Leo de Tribu Juda"*.[6]

B'danakollu dan il-Kumitat ma rnexxilux jilħaq l-iskop li għalih kien twaqqaf. Infatti l-membri msemmija qabel, fit-22 ta' Mejju 1901 iffirmaw petizzjoni lill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Angelo Portelli O.P. li fiha stqarrew id-diffikultajiet li sabu biex jiġbru l-flus u stqarrew ukoll li l-post magħżul ma kienx adattat għad-devozzjoni billi ma kienx faċli li jintlaħaq mill-fidili.[7]

Għaldaqstant il-membri tal-Kumitat Ġenerali talbu lill-Isqof biex minflok salib tinħadem statwa tar-Redentur bis-Salib tal-Fidwa f'idu u titqiegħed fuq il-koppla tal-Kappella tal-Virtù qrib ir-Rabat. Fil-fatt hekk sar u din l-istatwa tar-Redentur (kopja ta' waħda oħra li nsibu f'Caltanisetta, Sqallija) ġiet inawgurata solennement fit-22 ta' Settembru 1901 mill-Isqof Pace. Illum din l-istatwa tinsab fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, fir-Rabat.[8]

In-nies tas-Siġġiewi mmexxija u mħeġġin minn Dun Pawl Laferla żammew sħiħ fil-fehma li jwaqqfu s-Salib fuq ta' l-Għolja. Dun Pawl waqqaf fond speċjali għal dan il-għan u hu stess ħareġ £70 minn butu biex iseħħ dan il-proġett. In-nies ikkonkorrew u ssieltu għalenija biex jegħlbu kull tfixkil.

Il-bini tal-pedestall tħalla f'idejn Pietru Mallia (magħruf bħala l-*Imgħallem Piet*). Wieħed ma jistax ma jammirax mhux biss id-disinn tal-pedestall imma wkoll is-sengħa tal-ġebel li fih l-istess pedestall fil-binja tiegħu: mibni ħaġa waħda minn fuq s'isfel bil-ġebel marbut ġebla ma' oħra qisu blata waħda, rabta li ma tinħallx u li, minkejja l-irwiefen qliel, qatt ma ġiet nieqsa fil-medda ta' mitt sena.

L-iskrizzjoni ssuġġerita mill-Isqof ma saritx iżda saru kitbiet oħrajn; waħda minnhom

taghti gieh misthoqq lil Dun Pawl Laferla u tindikah bhala l-protagonista li hadem bis-shih ghal dan il-Monument:

**Paulus Laferla Sacerdos Clero Populusque opitulante posuit A. MDCCCCIII**

(Dun Pawl Laferla li, bl-ghajnuna tal-Kleru u tal-Poplu, waqqaf (dan il-monument) fl-1903)

Iżda Dun Pawl ma lahaqx ra t-tmiem tal-holma tieghu. Miet f'Diċembru ta' l-1902. Jinghad sewwa "li wiehed jiżra' u l-iehor jahsad".[9]

**Noti:**

1 Ark. Parr. Siġġiewi Liber Bapt. Vol. V p.182.
2 Fr. Joe Calleja: Ordinazzjonijiet Saċerdotali, 1800-2000, p.25 (ed Veritas Press)
3 Testm. tat-30 ta' Mejju 1901, art.1.
4 Ark. Parr. Siġġiewi Lib. Def. 1897-1915, p.106.
5 Ark. Kurja Arċivesk. Editti di Mons. Pietro Pace dal 1896 al 1900 (3) Vol. 32, p.260.
6 "Dan hu s-Salib tal-Mulej; jaharbu minn quddiemu l-ghedewwa ta' l-iljun rebbieh tat-tribù ta' Ġuda". Mill-Liturġija ta' l-14 ta' Settembru. Uffiċċju tal-Qari, Antifona1.
7 Arkiv. Kurja Arċiv. Suppliche vol.141 (1901-1902) nr.140.
8 Ark. Kurja Arciv.: Corrispondenze: Mons. Pietro Pace 1900-1901 vol.IX 4 sett. 1901
9 Ġw. 4,37; Mik.6.15.

**N.B.** Is-Salib preżenti sarlu xoghol ta' manutenzjoni bejn il-5 ta' Awissu 1982 u l-5 ta' Settembru 1984 mis-Sinjuri Ġużeppi Balzan u Karlu Cutajar. Il-krejnijiet thaddmu minn Nikola Gatt u Nikola Micallef fil-waqt li x-xoghol ta' galvanizzar sar fid-*dockyard* ta' Malta. Id-dimensjonijiet tas-Salib huma imponenti fil-kobor taghhom kif wiehed jista' jistenna.
Tul vertikali shih: 15.72m; parti mohbija fil-pedestal: 4.41m; tul orizzontali: 5.18m; hxuna: 22.8cm.
**Grazzi lis-Sur Karlu Cutajar.**


SILVIO'S

25, Triq il-Kataniż, Industrial Area, Żebbuġ - Malta
Tel: 2146 8982, 2146 1683 — Mobile: 9945 4333

Hiring of Chairs and Tables for Parties etc.

For all types of:
Chairs, Stools, Sun Beds,
Table Legs, Armchairs,
Deck Chairs, Folding Chairs,
Folding Tables, Loose Furniture,
Garden Furniture, etc.

